MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 2022/1998/1

**Mario SEGUNA, Victoria Seguna, Charles Seguna, Joanne Mizzi u Filippa Seguna, f'isimha proprju u bħala leġittima rappreżentanta ta' binha minuri Joseph Seguna, eredi ta' Carmelo Seguna; u, għal kull interess li jista' jkollhom, il-konjuġi Maria mart Mario Seguna, Catherine mart Charles Seguna, u Charles żewġt Joanne Mizzi**

**vs**

**Carmel DEBONO u martu Angela Debono**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Ottubru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti tiddikjara li l-imħarrek jaħti għall-inċident li seħħ fl-14 ta' Jannar, 1997, fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, li fih Carmelo Seguna ntlaqat mill-karozza misjuqa mill-imħarrek waqt li l-istess Seguna kien riekeb serkin miġbud minn żiemel u

miet fuq il-post, u li l-istess imħarrek jiġi kundannat iħallashom id-danni minħabba dak l-inċident;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm bil-mezz tal-affidavit u wkoll mogħtija bil-fomm quddiem il-Qorti;

Rat il-provi dokumentali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Mejju, 2000[1], li bih ħatret lill-kirurgu Frederick Żammit Maempel biex jeżamina d-dokumenti rilevanti miżmuma fl-Isptar San Luqa dwar Carmelo Seguna, magħduda magħhom ir-riżultat tal-awtopsja, biex jistabilixxi minn liema naħa ntlaqat l-istess Seguna;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' Ottubru, 2000[2], li bih ħatret lil Charles Farruġia bħala espert tekniku, bl-għajnuna tal-Avukat Dottor Stefan Camilleri, biex jeżamina s-serkin li Seguna kien riekeb dak inhar tal-inċident u biex jistabilixxi n-naħa li kienet id-daqqa fl-inċident;

Rat ir-relazzjoni mressqa mill-imsemmi Perit Tekniku fit-8 ta' Ottubru, 2001[3], u maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-2 ta' Novembru, 2001;

Rat id-degriet kamerali tagħha tat-30 ta' Settembru, 2004[4], dwar l-ammissibilita' tat-Tabib Mario Scerri bħala xhud mitlub mill-atturi;

Semgħet lill-espert tekniku jixhed in eskussjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet (li ġiet ukoll reġistrata);

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 116 tal-proċess
[2] Paġ. 130 tal-proċess
[3] Paġġ. 170-1 tal-proċess
[4] Paġġ. 275-7 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni minħabba inċident tat-triq li fih miet Carmelo Seguna, missier u żewġ l-atturi, waqt li kien riekeb serkin miġbud minn żiemel. L-atturi jgħidu li għall-inċident kien jaħti biss l-imħarrek Carmel Debono li dak il-ħin kien qiegħed isuq vann fl-istess direzzjoni li fiha kien sejjer Seguna. Fl-inċident, minbarra l-ġrieħi fatali li ġarrab Seguna, ġarrab ħsarat ukoll is-serkin li hu kien riekeb fuqu u ġarrab ġrieħi wkoll iż-żiemel;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li Debono ma kien jaħti xejn għal dak li seħħ minħabba li l-inċident ġara bi ħtija u traskuraġni ta' Seguna nnifsu. Ressqu wkoll eċċezzjoni preliminari fis-sens li mart l-imħarrek ma kellhiex tiddaħħal fil-kawża għaliex ma kellha x'taqsam xejn mal-inċident;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li fl-14 ta' Jannar, 1997, għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' filgħodu (4.30 a.m.), seħħ inċident tat-triq li fih kienu involuti l-vann, reġistrat L-6798, misjuq mill-imħarrek Debono u s-serkin misjuq minn Seguna. L-inċident seħħ fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, fid-direzzjoni lejn Ħaż-Żebbuġ. Seguna tar minn fuq is-serkin. Seguna ddaħħal l-isptar ftit wara, għall-ħabta tal-ħamsa neqsin għaxra ta' filgħodu (4.50 a.m.), iżda miet dak inhar stess fl-isptar minħabba l-ġrieħi li ġarrab u minkejja li sarlu intervent kirurġiku[5]. Dak inhar kellu disgħa u erbgħin (49) sena[6], u kien jaħdem bħala ħaddiem tax-xatt[7]. Iż-żiemel li kien riekeb – "*Valnor*" – ukoll ġarrab ġrieħi fl-inċident[8], l-aktar fir-riġlejn u l-għonq. Il-kawża nfetħet f'Ottubru tal-1998;

Illi l-ewwel konsiderazzjoni ta' għamla legali li jeħtieġ issir hija dik dwar id-determinazzjoni **tar-responsabbilta' għall-inċident**. Fuq il-punt bażiku li l-vittma kien riekeb is-serkin u li l-imħarrek kien qiegħed isuq il-vann ma

[5] Ara Dok "NF1", f'paġ. 93 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[7] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[8] Dok "Ċ", f'paġġ. 8-10 tal-proċess

hemm l-ebda kontestazzjoni. Hemm qbil ukoll li, f'xi ħin, il-vann u s-serkin ħabtu ma' xulxin. Daqstant ieħor hemm qbil li l-inċident seħħ qabel sbiħ il-jum. Jirriżulta wkoll li ż-żewġ inġenji kienu telgħin fl-istess direzzjoni. Il-ħsara fil-vann tal-imħarrek kienet fir-rokna leminija ta' quddiem u fuq il-bieba tas-sewwiq fin-naħa tal-lemin. Il-ħsara fis-serkin kienet mifruxa mal-bnadi kollha. Skond l-imħarrek, dak il-ħin it-triq kienet imxarrba bin-nida tant li huwa jgħid li din ħtiet għall-inċident, għaliex kieku l-ħabta ma kinitx isseħħ[9];

Illi dak li jrid jiġi stabilit qabel kollox huwa kif seħħ l-impatt bejn il-vann u s-serkin. Dwar dan hemm verżjonijiet kontrastanti bejn ix-xiehda tal-imħarrek u l-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert tekniku li eżamina s-serkin maħbut. Id-determinazzjoni ta' dan il-fatt tgħin ħafna biex titqies ir-responsabbilta' tal-inċident;

Illi mill-verżjoni mogħtija mill-imħarrek dwar id-dinamika tal-inċident u x'seħħ immedjatament qabel, jirriżulta li f'xi ħin hu kien wara s-serkin[10]. Meta kien għadu wara s-serkin kien ra s-serkin quddiem, jinsaq mal-karreġġata ta' barra qrib il-kurdun tas-*centrestrip*, it-tnejn li huma sejrin fl-istess direzzjoni. Ġara li, wara xi ħin, l-vann misjuq mill-imħarrek laħaq ġie biswit l-istess serkin billi l-vann ġie fuq in-naħa tax-xellug tas-serkin. L-imħarrek jgħid li hu u jaqla' lejn ix-xellug, iż-żiemel misjuq minn Seguna reħa, qaleb lejn ix-xellug u ħabat mal-vann u mal-kurdun tas-*centrestrip*;

Illi wieħed mill-atturi jsemmi[11] li, x'ħin kellem lill-imħarrek fuq il-post tal-inċident, dan tal-aħħar allegatament qallu li lis-serkin ma kienx rah. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek iwaqqa' din il-verżjoni kemm billi jiċħad bil-qawwa li qal kliem bħal dak u wkoll, wisq aktar sinjifikatament, billi jistqarr li hu kien lemaħ "xi ħaġa" 'il fuq minnu u quddiemu[12]. Il-Qorti tifhem il-ħsieb wara l-allegazzjoni tal-

---

[9] Xhieda tal-imħarrek 16.3.2001, f'paġ. 144 tal-proċess
[10] Xhieda tal-imħarrek 16.3.2001, f'paġġ. 139-140 tal-proċess
[11] Affidavit ta' Mario Seguna 23.8.1999, u kontro-eżaminat fit-2.2.2000, f'paġġ. 51 u 70 tal-proċess
[12] Xhieda tal-imħarrek in subizzjoni 16.3.2001, f'paġ. 138 tal-proċess

attur, iżda l-provi kif jirriżultaw mill-verżjoni mressqa mill-imħarrek għandha titqies aktar attendibbli;

Illi l-imħarrek jidher li jrid iressaq 'il quddiem l-argument li l-ħabta seħħet minħabba ċ-ċaqlieq imprevist taż-żiemel. Din ix-xilja trid tiġi ippruvata kif imiss għaliex il-provi dwar dan huma kontrastati. Hemm qbil li, mal-ħabta, d-drigħ xellugi tas-serkin tqaċċat[13] u ż-żiemel infatam mis-serkin u telaq ilebbet għal għonq it-triq, sakemm saħansitra niżel lura lejn l-istalla waħdu minkejja li kien midrub. Li jrid jiġi stabilit hu jekk iż-żiemel baqax taħt il-kontroll ta' Seguna sa ma seħħet il-ħabta jew jekk, kif jallega l-imħarrek, ż-żiemel kienx "rieħlu" qabel u daħal fil-medda tal-vann minkejja t-tentativi tas-sewwieq biex iżomm 'il bogħod. Prova bħal din trid tkun konvinċenti għall-Qorti sal-grad li trid il-liġi. Minn provi li rriżultaw mill-inkjesta[14] jirriżulta li mal-ħabta s-serkin selaħ ukoll il-kurdun tas-*centrestrip*. Dak il-brix li jidher ma jistax kien kawżat mill-vann misjuq mill-imħarrek, u lanqas saret xi allegazzjoni mill-imħarrek f'dan is-sens. Fuq kollox, ir-ritratti l-oħrajn juru li l-vann fl-ebda waqt ma ħabat mas-*centrestrip*. Għalhekk, dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-verżjoni tal-imħarrek ma tistax tiġi emmnuta, għaliex kieku tassew li ż-żiemel "rieħ" lejn ix-xellug, kien ikun tbiegħed jew inqala' 'l barra mill-kurdun tas-*centrestrip*, u mhux ħakk miegħu. Il-Qorti, għalhekk, qegħda tasal għall-fehma li, bil-manuvra li kien qiegħed jagħmel, is-sewwieq tal-vann (l-imħarrek) seħħlu jross is-serkin bejn l-istess vann u l-kurdun. Dan jidher ukoll mill-marki tal-*brakes*[15];

Illi minn din il-kostatazzjoni, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li Seguna kien baqa' jikkontrolla l-bhima li kien qiegħed isuq u li kien biss wara l-ħabta li ż-żiemel sfratta;

Illi irid jingħad li fir-rapport ta' wieħed mill-esperti maħturin fl-inkjesta Maġisterjali ħareġ li s-serkin kien mingħajr dawl jew riflettur[16]. Il-Qorti qegħda tqis dan il-fatt bħala wieħed pruvat[17] u m'hijiex, għalhekk, toqgħod fuq il-verżjoni ta' l-

[13] Ara d-dokument f'paġ. 207 (fuq) tal-proċess
[14] Ara d-dokumenti f'paġġ. 204, 208 (fuq), 209, 210 u 211 tal-proċess
[15] Ara d-dokument f'paġ. 201 tal-proċess
[16] Dok "MS1", f'paġ. 64 tal-proċess
[17] Ara d-dokument f'paġ. 204 (fuq) tal-proċess

attur Mario Seguna[18] fis-sens li s-serkin kellu dawl aħmar, liema xhieda toħroġ inċerta għall-aħħar. Meta wieħed iqis il-ħin li fih sar l-inċident u ż-żmien tas-sena, wieħed ma jistax ma josservax li dan l-istat xejn ma kien wieħed għaqli, u r-rikkieb kien qiegħed lilu nnifsu f'riskju bla bżonn. Minbarra dan, jirriżulta wkoll li s-serkin kien qiegħed jinsaq fuq il-karreġġata ta' barra tat-triq, jiġifieri fuq dik il-karreġġata li minnha mistenni li jgħaddi t-traffiku l-aktar mgħaġġel;

Illi normalment, fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ ċirkostanzi jitfgħu fuq dak li jkun ċerta grad ta' ħtija jew kontribuzzjoni fil-ħtija ta' inċident li jiġri minħabba f'hekk. Iżda, mill-provi li ħarġu, jirriżulta li l-imħarrek innifsu stqarr li kien ra lis-serkin quddiemu (għalkemm mhux f'distanza kbira bejniethom) u li kellu ħin biżżejjed biex jgħaddilu minn moħħu li jaqsam lejn ix-xellug tiegħu biex jevita l-ħabta miegħu. Fi kliem ieħor, ladarba l-imħarrek innifsu jistqarr li kien diġa' ra s-serkin, il-fatt li s-serkin kien mingħajr dwal jew rifletturi ma kienx se' jħassar dak li l-imħarrek sar jaf bih[19]. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, jekk din iċ-ċirkostanza ma titfix għal kollox is-sehem ta' ħtija li l-vittma kellu fl-inċident, tnaqqasha sostanzjalment, għaliex il-fatt li l-eżistenza tal-oġġett (is-serkin) fuq it-triq kienet magħrufa lill-imħarrek, ma tkunx tista' titressaq 'il quddiem b'effikaċja u għal kollox id-difiża tiegħu tal-ostaklu mistur;

Illi dwar dan il-fatt, il-Qorti tifhem li, fejn seħħet il-ħabta (minn dak li tista' tara mir-ritratti esebiti[20], kien x'aktarx qrib ir-*roundabout* tal-parti t'isfel ta' Triq l-Imdina, b'mod li l-viswali tal-vettura misjuqa mill-imħarrek setgħet ma kellhiex tul ta' triq biżżejjed biex tara x'kien hemm quddiemha. Dan huwa fattur li l-Qorti tqisu siewi (bla ma tnaqqas xejn mill-obbligu tar-responsabbilta' li l-imħarrek kellu li l-ħin kollu jara sewwa x'kien hemm quddiemu u madwaru) biex tasal biex tgħid li Carmelo Seguna b'xi mod ikkontribwixxa għall-ħabta. Iżda, kif ingħad, din il-kontributorjeta' ma xxejjinx ir-responsabbilta' ħafna akbar tal-imħarrek f'dak illi seħħ;

[18] Xhieda tiegħu 2.2.2000, f'paġġ. 76-7 tal-proċess
[19] Ara App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Scicluna et vs Victor Ċini***
[20] Ara d-dokumenti f'paġġ. 202 (fuq) u 206 (fuq) tal-proċess

Illi dan jingħad għaliex biex ikun hemm negliġenza kontributorja f'każ fejn iseħħ inċident, jeħtieġ jintwera tajjeb biżżejjed li n-negliġenza tal-parti midruba tkun tali li, kieku mingħajrha, l-inċident ma kienx iseħħ. Għaliex meta n-negliġenza tal-vittma tkun tali li, min jiġi misjub responsabbli biex iħallas id-danni, seta' evita li jikkawża dawk id-danni b'attenzjoni ordinarja, allura r-responsabbilta' ta' dak l-inċident ibatiha l-imħarrek[21];

Illi l-Qorti tasal għall-fehma għalhekk li, wkoll kieku wieħed kellu joqgħod biss fuq il-verżjoni mogħtija mill-imħarrek f'ħin qrib ħafna tal-inċident, dak li kien qiegħed isir kien forma ta' sorpass tas-serkin mill-vann misjuq mill-istess imħarrek u dan min-naħa tax-xellug tas-serkin[22]. Fi kliem ieħor, jidher li, f'xi ħin, kemm is-serkin misjuq minn Seguna u kif ukoll il-vann misjuq mill-imħarrek kienu qrib xulxin fuq il-karreġġata ta' barra lejn nofs it-triq. Meta l-imħarrek intebah bis-serkin biswitu u fuq il-lemin tiegħu, madwar żewġ tulijiet tal-vann 'l isfel, ipprova jaqla' 'l barra minnu lejn il-karreġġata tax-xellug. Huwa minnu li fi`-ċirkostanzi li sab ma' wiċċu l-imħarrek, wieħed ma jistenniex li jsir raġunament kalm u maħsub, iżda l-Qorti temmen li kien ikun ħafna iżjed għaqli għall-imħarrek li, minflok iżid il-veloċita' biex jaqla' lis-serkin minn fuq ix-xellug, inaqqas dik il-veloċita' u, x'ħin ikun f'distanza aktar xierqa lura minnu, jagħmel il-manuvra li fil-fatt għamel;

Illi manuvra bħal din xeħtet responsabbilta' akbar fuq l-imħarrek, l-aktar meta (dejjem skond ma xehed l-imħarrek) l-art kienet imxarrba bin-nida[23]. Dan jixhed għaliex, meta l-imħarrek ġie biex jaħsad il-*brake*, ma seħħlux iwaqqaf il-vann. F'dan l-aspett ukoll il-Qorti tara li l-imħarrek ma kienx fil-kontroll tal-vettura misjuqa minnu. Jekk wieħed iżid din il-kostatazzjoni mal-fatt li l-vann kien, għall-ewwel, fuq wara fil-konfront tas-serkin ta' quddiemu, il-piż tar-responsabbilta' dwar kull manuvra li ttieħdet kien mitfugħ kollu fuq is-sewwieq ta' wara;

---

[21] App. Inf. **20.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs Joseph Galea et***
[22] *Ibid.*, f'paġ. 139 tal-proċess
[23] P.A. AJM **11.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Calleja vs Karl Glanville***

Illi manuvra ta' sorpass, waħedha, hija manuvra leġittima u mhix ksur tar-regolamenti tas-sewqan[24], u l-fatt li min ikun qiegħed jaqbeż karozza oħra sejra fl-istess direzzjoni jaqbeż ukoll il-linja tan-nofs tat-triq jew jidħol f'karreġġata oħra mhux element, fih innifsu, li jgħabbi lil min jagħżel dik il-manuvra bil-ħtija ta' inċident[25]. Madankollu, il-manuvra tas-sorpass trid issir b'reqqa[26] u kawtela b'mod li min jagħżel li jipprova jaqbeż karozza jew vettura oħra, irid jieħu qies tal-possibilita' li l-vettura l-maqbuża tista' tibdel ir-rotta. F'każ bħal dan, jaqa' fuq is-sewwieq tal-vettura li qegħda taqla' l-piż li jipprova li s-sewwieq tal-vettura l-maqbuża kien negliġenti fil-mod kif bidel ir-rotta[27]. Dan jingħad għaliex, mill-bqija, f'każ fejn żewġ vetturi jkunu mexjin fl-istess direzzjoni, huwa dejjem is-sewwieq tal-vettura ta' wara li jrid jinżamm responsabbli għall-ħabta[28] ;

Illi jibqa' dejjem jipprevali l-prinċipju li, fejn hemm dubju, wieħed m'għandux jaqbeż vettura oħra jekk ma jkunx ċert li jista' jagħmel dik il-manuvra bla ħsara għalih innifsu u għal ħaddieħor[29];

Illi, b'żieda ma' dan, irid jingħad li, fil-kors normali tal-ġrajjet, is-sorpass isir fuq in-naħa ta' barra. Meta s-sorpass isir min-naħa ta' ġewwa, jiġifieri min-naħa tax-xellug tal-vettura ta' quddiem, jitqiegħed fuq is-sewwieq li qiegħed jagħmel il-manuvra tas-sorpass grad ta' responsabbilta' ogħla bil-ħtieġa li jittieħdu prekawzjonijiet aktar rigorużi[30];

Illi jifdal jiġi mistħarreġ il-punt dwar kif intlaqat is-serkin. L-imħarrek iressaq 'il quddiem il-verżjoni li l-ħabta kienet waħda laterali. L-atturi jressqu t-teżi tad-daqqa minn wara bil-ġenb lemini tal-vann. Ix-xhud kirurgu Norman Formosa[31], magħfus ripetutament mill-għaref difensur tal-atturi b'linja ċara ta' mistoqsijiet, ma setax jgħid bla ħjiel

[24] Regolament 63 tal-M.V.R.
[25] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dobler vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.514**)
[26] P.A. GCD **31.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Sultana Bros. Transport Ltd. vs Sabrina Cauchi et***
[27] P.A. DS **21.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Insurance Agency Ltd. vs Jacqueline Galea***
[28] P.A. AJM **3.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd .noe. et vs Charles Sciberras***
[29] App. Inf. **14.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Services Ltd. vs Edward Said***; u P.A. GV **13.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet *Michael Grech* ***vs Malcolm Woolsey***
[30] P.A. FDP **19.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Fava et noe vs Catherine Borġ***
[31] Xhieda tiegħu 10.3.2000, f'paġ. 105-6 tal-proċess

ta' dubju fejn intlaqat Carmelo Seguna. Il-ġrieħi fatali li ġarrab kienu kompatibbli mal-waqgħa tiegħu minn fuq is-serkin, bla ebda riferenza neċessarja ma' liema parti tas-serkin seħħ l-impatt. Jidher li Seguna waqa' fuq ġenbu tax-xellug[32]. Il-ħsara li ġarrab il-vann tidher li tagħti kreditu lill-verżjoni tal-atturi. B'żieda ma' dan, il-fehma milħuqa mill-espert tekniku, wara li eżamina l-marki tal-ħsara fuq il-fdalijiet tas-serkin, hija li s-serkin qala' d-daqqa min-naħa ta' wara tar-rota tan-naħa tax-xellug;

Illi dwar il-fehma ta' espert maħtur mill-Qorti, huwa aċċettat bħala prinċipju li tali fehma tikkostitwixxi fatt. Sakemm ma jkunx hemm raġunijiet serji u gravi biżżejjed li juru li dik il-fehma hija maqtugħa mir-raġonevolezza, l-Qorti tista' toqgħod fuqha bħala fatt pruvat b'moħħha mistrieħ[33]. Li ġara f'dan il-każ, madankollu, kien li l-espert tekniku maħtur mill-Qorti biex jeżamina s-serkin, kien l-istess persuna li, madwar għaxar snin qabel, kienet bnietu[34]. Dan qanqal fl-imħarrek id-dubju dwar l-imparzjalita' tar-rapport. L-imħarrek m'għażilx li jitlob il-ħatra ta' periti perizjuri, iżda talab biss it-tneħħija tar-rapport mill-atti tal-kawża. B'degriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2004[35], dik it-talba ma ntlaqgħetx;

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa, madankollu, li l-konklużjoni li wasal għaliha l-perit tekniku (li kien mgħejjun minn perit legali fit-twettiq tal-ħatra tiegħu) ma kienet bl-ebda mod determinata mill-fatt li l-istess espert, snin qabel, kien bena s-serkin. Il-ħatra tiegħu kienet limitata għall-kostatazzjoni dwar fejn ħa d-daqqa s-serkin fl-inċident in kwestjoni, u mhux dwar aspetti oħra tekniċi marbuta mal-kundizzjoni, il-kwalita' jew is-saħħa tal-istess. Din il-Qorti kienet tkun ta' fehma oħra kieku, per eżempju, l-kawża kienet tirrigwarda xi xilja ta' difett fil-binja tas-serkin jew fil-materjal użat. Minbarra dan, ladarba llum il-ġurnata l-liġi tħalli[36] li titressaq bħala prova (u mhux biss bħala opinjoni) rapport *ex parte* sakemm ikun iħares dak li tgħid l-istess liġi u jkun imressaq minn persuna li hija kwalifikata fis-

[32] Dok "MS", f'paġ. 258 tal-proċess
[33] Art. 681 tal-Kap 12
[34] Xhieda ta' Carmelo Farruġia 16.10.2003, f'paġ. 235 tal-proċess
[35] Paġ. 257 tal-proċess
[36] Art. 563A tal-Kap 12

suġġett, il-Qorti ma tara li jista' jkun hemm xejn ħażin li tilqa' r-rapport ta' esperti li, wara kollox, inħatru minnha, u li fit-twettiq tal-ħatra tagħhom ma ntweriex li mxew b'xi mod irregolari jew b'nuqqas ta' ħarsien tar-regoli proċedurali;

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, u wkoll mill-ġabra ta' kostatazzjonijiet magħmulin mill-esperti maħtura mill-inkjesta Maġisterjali, il-Qorti tasal għall-fehma li l-vann misjuq mill-imħarrek laqat lis-serkin misjuq minn Carmelo Seguna fuq il-parti ta' wara tar-rota tax-xellug tas-serkin;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li l-Qorti tqis li, għall-finijiet ta' proċedimenti oħrajn, jista' jkun tassew li l-imħarrek ma jaħtix għall-inċident *in criminalibus* (kif tenna l-espert tal-inkjesta Maġisterjali), issib madankollu li l-imħarrek kien ċivilment jaħti għall-inċident li wassal għall-mewt ta' Carmelo Seguna, u dan fi grad ta' ħamsa u disgħin fil-mija (95%),  b'ħamsa fil-mija (5%) tal-ħtija taqa' fuq l-istess Seguna, għar-raġunijiet fuq imfissra;

Illi biex il-Qorti tkun investiet ukoll l-**ewwel eċċezzjoni** mqanqla mill-imħarrkin dwar dan, irid jingħad li ma ngħatat l-ebda raġuni tajba mill-atturi għaliex mart l-imħarrek għandha titqies responsabbli għall-inċident. Lanqas biss kienet riekba fil-vann u xejn ma juri li hija setgħet kienet imqar remotament marbuta jew ħatja ta' dak li seħħ.  Għalhekk, din l-eċċezzjoni sejra tintlaqa' u l-imħarrka Anġela Debono għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju billi m'hijiex il-kontradittur leġittimu għall-azzjoni attriċi;

Illi **dwar il-likwidazzjoni tad-danni** jibda biex jingħad li l-liġi tipprovdi[37] li l-ħsara li l-persuna misjuba responsabbli għal inċident trid twieġeb għaliha hija dik tat-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti mġarrba, l-ispejjeż li l-parti mġarrba kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew ta' qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem.  Fejn il-parti mġarrba titlef ħajjitha fi jew minħabba dak l-għamil, il-liġi

[37] Art. 1045 u 1046 tal-Kap 16

tagħti lill-werrieta dawk id-danni msemmija flimkien mat-telf u l-ispejjeż attwali ikkaġunati. Bidliet li ddaħħlu fil-liġi ftit taż-żmien ilu[38], jidher li għadhom ma ġewx fis-seħħ;

Illi, kif ingħad, fl-inċident tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li l-vittma Carmelo Seguna kellu 49 sena meta miet. Dak iż-żmien, uħud mill-atturi wliedu, kienu dipendenti tiegħu, u wieħed minnhom, l-attur Joseph Seguna, saħansitra kien għadu taħt l-eta'. Ħalla warajh ukoll armla, l-attriċi Filippa Seguna. Jirriżulta wkoll li Seguna kien bniedem mibni f'saffejn u f'saħħtu[39];

Illi, kif ingħad sewwa mill-Qrati tagħna, aċċident mhux xi entita' astratta, iżda hu fatt li ġara kif inhu fix-xorta u l-kobor tiegħu; huwa ġrajja bl-inċident inerenti miegħu li minnu jitnisslu d-danni mġarrba mill-vittma u li għalihom iwieġeb min, bin-negliġenza tiegħu, jkun ikkawżahom[40];

Illi dan l-eżerċizzju jwassal għall-istħarriġ tat-tieni talba attriċi;

Illi, tajjeb jew ħażin, id-disposizzjonijiet tal-liġi li l-Qorti trid tqis f'każ bħal dan huma l-artikoli 1031, 1032, 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kwestjoni tal-kumpens dovut mill-imħarrek u kemm hu l-ammont li l-atturi jistħoqqilhom jirċievu hija waħda li fiha xi aspetti li għandhom jiġu studjati;

Illi, fl-ewwel lok, irid jingħad li f'dan il-każ, bosta mill-atturi qegħdin jidhru fil-kwalita' tagħhom ta' werrieta tal-mejjet Carmelo Seguna u l-kumpens li qegħdin jippretendu mingħand l-imħarrek huwa dak dwar telf għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) li, fi kliem il-liġi nnifisha, il-Qorti tista' tagħti bħal fil-każ ta' inkapaċita' totali għal dejjem, meqjusa skond id-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1045;

---

[38] Bl-Att VI tal-2004, li , fost l-oħrajn, jibdlu u jżidu artikoli dwar kriterji ta' kumpens lill-werrieta jew lid-dipendenti tal-persuna mejta f'inċident
[39] Dok "MS", f'paġġ. 257A-258 tal-proċess
[40] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)

Illi, fit-tieni lok, il-vittma kien persuna li kellu impieg fiss, u li minn dak l-għixien kienet tiddependi parti mill-familja tiegħu;

Illi, fit-tielet lok, jirriżulta bla ebda ħjiel ta’ dubju li l-mewt ta’ Carmelo Seguna kienet il-konsegwenza diretta tal-inċident. Dan ukoll huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-qasam tal-likwidazzjoni ta’ danni minħabba għamil traskurat jew negliġenti[41] Għalkemm jista’ jkun li l-vann misjuq mill-imħarrek ma laqtux direttament, mill-atti tal-kawża joħroġ li Seguna ttajjar minn fuq is-serkin u li t-trawma tal-waqgħa ġabitlu ġrieħi li, wara ftit sigħat, wasslu għall-mewt tiegħu. Għal din il-Qorti, ir-rabta bejn il-kawża tal-inċident u l-effetti li ħalla fuq il-vittma tirriżulta tajjeb biżżejjed;

Illi, fir-raba’ lok, kif ingħad, fis-sentenza maġistrali tal-Qorti tal-Appell tat-**22 ta’ Diċembru, 1967**, fil-kawża fl-ismijiet ***Butler vs Heard***[42] “*il-liġi tagħna tipprovdi għal kumpens għat-telf pekunjarju biss u f’dan hi inferjuri għal-liġijiet ta’ pajjiżi oħra progressivi li jipprovdu anke għal kumpens - xi drabi l-uniku possibbli, għat-“telf personali” …Ta’ min jawgura illi din il-fergħa tal-liġi tiġi, kif jixraq riformata*.” (a fol 504);

Illi l-parti l-kbira tal-kwestjoni tistrieħ ħafna fuq il-basi ġuridika li dwarha jingħata l-kumpens meta l-attur ma jkunx il-persuna li kellha x’taqsam mal-inċident, imma tkun qarib ta’ persuna li mietet f’dak l-inċident. Il-liġi tagħna fl-artikolu 1046 tgħid ċar li l-ħlas ta’ kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta’ kumpens ma’ dak li jiġi likwidat fil-każ ta’ inkapaċita’ totali għal dejjem skond ma jipprovdi l-artikolu 1045;

Illi l-istess Qorti tal-Appell, imma żmien qabel is-sentenza ta’ Butler u Heard, kienet fissret li, f’każ ta’ inċident li fih il-vittma tmut, il-kumpens ma jingħatax lid-dipendenti tiegħu imma lill-werrieta, u qalet ukoll li, fil-kalkolu tat-telf ta’ qligħ għall-ġejjieni, m’hemm stabiliti l-ebda regoli fissi li

[41] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerald Buġeja vs David Gatt***
[42] Kollez. Vol: **LI.i.488**)

fuqhom il-qorti tista' ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha. Jeħtieġ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari u, għalkemm il-Qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minħabba l-element ta' imprevedibilita', għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minħabba l-element għoli ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-ġejjieni[43];

Illi fi żvilupp ta' dawn l-aħħar snin, din il-Qorti, b'tifsira iżjed aġġornata ta' dak li jgħid l-artikolu 1046, qieset li meta f'każ ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, jkunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma minħabba ċ-ċirkostanza ta' mewtu, u mhux fuq bażi ta' dipendenza u għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġrieħi li jkunu ħallewh għal kollox inkapaċi[44];

Illi, b'danakollu, jidher li l-bażi vera tal-jedd tal-azzjoni mogħtija lill-werrieta tal-vittma l-mejta m'huwiex jedd mogħti *iure haereditatis*, iżda jedd speċifiku mogħti mil-liġi lilhom, u mhux minħabba trasmissjoni *ope successionis*[45];

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-raġunament isib kenn ukoll f'dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Petrie et vs Ciappara tat-22 ta' Gunju, 1964, fuq imsemmija, meta fliet il-kawżali li l-liġi tagħna tqis għal-likwidazzjoni tal-kumpens taht l-artikolu 1045 (li, kif ingħad, huwa espressament applikabbli fil-każ ta' mewt minħabba inċident skond l-artikolu 1046);

Illi l-Qorti tħoss li l-punti ewlenin imsemmija f'dik is-sentenza għandhom jissemmew fil-qosor:

(a) li l-artikolu 1045 jikkontempla erba' (4) għamliet ta' danni li għandhom jiġu risarċiti - jiġifieri: (i) it-telf attwali mġarrab mill-vittma; (ii) spejjeż minfuqin minnu;

---

[43] App. Ċiv. **22.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Petrie et vs Ċiappara*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.364**)
[44] P.A. GCD **17.2.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Turner et vs Francis Aġius et*** (mibdula b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fit-**28.11.2003**); u P.A. RCP **29.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela Attard et vs Stephen Micallef***, fost oħrajn
[45] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Galea et vs Silvio Piscopo***

(iii) telf ta' paga jew qligħ attwali u (iv) telf ta' qligħ għall-ġejjieni;

(b) illi l-vittma jista' jingħata kumpens għat-telf ta' qligħ fil-ġejjieni ukoll jekk ma jintalab jew ma jista' jingħata l-ebda kumpens għal telf ta' qligħ attwali, billi t-telf ta' qligħ attwali mhux kondizzjoni biex jista' jingħata kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni;

(c) illi billi l-kumpens huwa mogħti lill-qraba bħala werrieta u mhux bħala dipendenti, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jinħadem l-ammont ta' kumpens dovut;

(d) illi, b'effett ta' dan, mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jagħti sehem jew jgħajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-liġi tagħna, prekundizzjoni u fattur essenzjali għall-għoti ta' kumpens; u

(e) illi jibqa' xorta l-fatt li l-Qorti jkollha twettaq eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta' jiġri fil-ġejjieni;

Illi, b'żieda ma' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssemmi wkoll prinċipju li jidher aċċettat u jiġifieri li l-kumpens ikun dovut ukoll fejn l-imġarrab ikun żamm id-dħul tiegħu għalih jew saħansitra żiedu, imma, minħabba l-ħsara li ġarrab, ikun naqqas jew tilef għal parti l-kbira l-possibilita' li jżid id-dħul tiegħu b'inizjattiva personali[46];

Illi wkoll, kif ġie deċiż f'sentenza oħra[47], il-Qorti hija marbuta li tagħti l-ogħla għadd ta' snin bħala *multiplier* jekk kemm-il darba jirriżulta li ma jkunx hemm raġuni għaliex wieħed għandu għax jiddubita li l-imġarrab ma kienx se jissokta jaħdem is-snin kollha ta' xogħol sakemm jirtira bil-pensjoni[48];

---

[46] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***George Gatt vs Francis E. Carbone noe***
[47] App. Ċiv. **30.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Elvira Abela vs Onor. Prim Ministru et***
[48] App. Ċiv. **26.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna***

Illi jekk wieħed japplika dawn il-prinċipji jkun ifisser li l-qisien tal-kumpens għandhom jsiru skond il-kundizzjonijiet prevalenti meta seħħ l-inċident u li, minħabba li l-kumpens ikun ta' somma likwidata li l-ħlas tagħha jista' jintalab malli jiġi likwidat, irid isir tnaqqis *pro rata* biex tagħmel tajjeb għall-fatt li d-dħul ikun sejjer iseħħ qabel ma kien ikun il-każ kieku l-inċident ma ġarax;

Illi, minbarra dan, dwar il-qies tal-*multiplier* il-Qorti tħoss li jkun xieraq li tagħmel riferenza għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expection of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertainties of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…"*[49]*;*

Illi, għalhekk, meta wieħed iqis l-eta' ta' Carmelo Seguna meta seħħ l-inċident, flimkien mal-fatt li kien jidher li għadu b'saħħtu u li l-impieg tiegħu kien wieħed stabbili, jidher xieraq li jintuża *multiplier* ta' tnax-il (12) sena;

Illi, dwar il-paga tal-vittma, jirriżulta[50] li Seguna kellu paga netta ta' sitt elef mija u erbgħin lira Maltija (Lm 6,140) fl-aħħar sena qabel l-inċident. Jekk wieħed iqis l-għadd ta' snin li se' jittieħdu bħala *multiplier,* u l-prinċipji fuq imsemmija, il-Qorti sejra tapplika dik iċ-ċifra bħala l-bażi għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-atturi fil-waqt li nfetħet is-suċċessjoni tal-vittma;

Illi, għalhekk, l-ammont ta' kumpens li jiġi dovut mill-imħarrek lill-atturi jitla' għal tlieta u sebgħin elf, sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm73,680);

---

[49] Thomas Saunt <u>Damages for Personal Injury and Death</u> (Tielet Ediz, 1986), paġ 53
[50] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess

Illi, kif ingħad fuq, billi din is-somma sejra titħallas f'daqqa, jkun xieraq li jitnaqqas ammont minnha biex jagħmel tajjeb għal dan il-fatt: il-Qorti, wara li qieset il-fatt li ghaddew madwar disa' snin mill-inċident u wkoll il-prattika li jimxu fuqha l-qrati tagħna f'dan l-aspett f'kawżi li jixxiebħu, qegħda tqis tnaqqis ta' sittax fil-mija (16%) tas-somma fuq likwidata bħala raġunat u mistħoqq. F'dan il-każ irid jingħad li parti mir-raġuni għad-dewmien tas-smigħ tal-kawża kien il-fatt li l-atturi baqgħu tista' tgħid sa l-aħħar jitolbu li jitħallew iressqu provi dwar *records* mediċi dwar il-mejjet, u mhux minħabba l-fatt li l-imħarrek tnikker jew tawwal iż-żmien hu stess. Dan id-dewmien, għalhekk, ma jixraqx li jbatih l-imħarrek;

Illi s-somma li tirriżulta trid ukoll titnaqqas b'ħamsa fil-mija (5%) oħra, bħala r-rata ta' ħtija kontributorja li Seguna nstab li kellu fl-imsemmi inċident;

Illi, għalhekk, is-somma li għandha titħallas lill-atturi bejniethom tiġi tammonta għal tmienja u ħamsin elf seba' mija u sitta u disgħin liri Maltin (Lm58,796)[51] bħala *lucrum cessans*;

Illi dwar il-ħsara mġarrba bħala *damnum emergens*, jidher li din kienet tikkonsisti fis-serkin imkisser u l-kura għaż-żiemel. Il-Qorti tqis li għalkemm l-atturi jidher li ressqu xi dokumenti[52], l-ebda wieħed minnhom ma ġie konfermat bil-ġurament minn min allegatament ħarġu, minbarra li f'uħud minnhom m'hemmx tagħrif li jorbothom b'mod konvinċenti mal-inċident in kwestjoni. Minħabba f'hekk, il-Qorti m'hijiex f'qagħda li tillikwida danni taħt din ir-ras;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** u tiddikjara li l-imħarrka Angela Debono m'hijiex il-leġittima kontradittriċi tal-azzjoni attriċi u qegħda għalhekk teħlisha mill-osservanza tal-ġudizzju bi spejjeż għall-atturi;

[51] LM 6140 x 12 x 0.84 x 0.95 = LM 58,796
[52] Dokti "D" sa "F5", f'paġġ. 11-7 tal-proċess

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba tal-atturi** u tqis li l-imħarrek kien jaħti fi grad ta' ħamsa u disgħin fil-mija (95%) għall-inċident li seħħ fl-14 ta' Jannar, 1997, fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, u li fih l-awtur tal-atturi Carmelo Seguna ġarrab ġrieħi li wasslu għall-mewt tiegħu, filwaqt li tiddikjara li, għar-raġunijiet imfissrin fis-sentenza, l-istess Carmelo Seguna kien ikkontribwixxa għal dak li ġara;

**Tilqa' t-tieni talba** u tillikwida l-ammont ta' danni li l-imħarrek irid iħallas lill-atturi fis-somma ta' tmienja u ħamsin elf seba' mija u sitta u disgħin liri Maltin (Lm58,796);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi bejniethom is-somma ta' Lm58,796, bħala danni hekk likwidati; u

Tikkundanna lill-imħarrek iħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk marbutin mal-ewwel eċċezzjoni, li jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------